# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' Novembru 2008

## li temenda d-Deċiżjoni 2002/613/KE dwar iċ-ċentri approvati għall-ġbir tas-semen tal-porċini fil-Kanada u fl-Istati Uniti

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6473)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/856/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet tas-semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-porċini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/613/KE tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-kondizzjonijiet għall-importazzjoni tas-semen ta' l-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-porċini ([2]) tistabilixxi lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-porċini u lista ta' ċentri għall-ġbir tas-semen f'dawk il-pajjiżi terzi approvati għall-esportazzjoni ta' dan is-semen fil-Komunità.

(2) Il-Kanada u l-Istati Uniti kienu talbu li jsiru ċerti emendi għal-lista ta' ċentri tal-ġbir ta' semen approvati mid-Deċiżjoni 2002/613/KE f'dak li jirrigwardja d-dħul għal dawn il-pajjiżi.

(3) Id-Deċiżjoni 2002/613/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri pprovduti għal din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness V tad-Deċiżjoni 2002/613/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62.

([2]) ĠU L 196, 25.7.2002, p. 45.

*ANNESS*

L-Anness V għad-Deċiżjoni Nru 2002/613/KE jiġi emendat kif ġej:

1) id-daħliet li ġejjin li jikkonċernaw lill-Kanada huma mneħħija:

| | | |
|---|---|---|
| CA | 4-AI-05 | Centre d’insémination génétiporc<br>77 rang des Bois-Francs sud<br>Sainte-Christine-de-Port-neuf,<br>Québec |
| CA | 4-AI-05 | CIA des Castors<br>317 Rang Ile aux Castors<br>Ile Dupas<br>Québec<br>J0K 2P0 |
| CA | 5-AI-05 | Ontario Swine Improvement Inc<br>P.O. Box 400<br>Innerkip, Ontario |
| CA | 6-AI-05 | Costwold Western Kanada Ltd<br>17 Speers Road<br>Winnipeg, Manitoba<br>Location SW 27-18-2 EPM |

2) id-daħliet li ġejjin li jikkonċernaw lill-Istati Uniti huma mneħħija:

| | | |
|---|---|---|
| US | 94OK001 | Pig Improvement Company – Oklahoma Boar Stud<br>Rt. 1, 121 N Main St.<br>Hennessey, OK |
| US | 95IL001 | United Swine Genetics<br>RR # 2<br>Roanoke, IL |
| US | 96AI002 | International Boar Semen<br>30355 260th St.<br>Eldora IA 50627 |
| US | 96AI002 | Pig Improvement Company – Wisconsin Aid Stud<br>Route # 2<br>Spring Green, WI |